C/2023/369

19.10.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11258 – BDT / SOFIMA HOLDINGS / SOFIMA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/369)

1. Fil-11 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BDT Capital Partners, LLC ("BDT", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Alva S.p.A., Amca S.r.l., Ipercubo S.r.l., Lefa S.r.l., Mefa S.r.l., 4emme S.r.l., P.M. Investments S.r.l. u Fariniundici S.p.A. (flimkien, "SOFIMA Holdings", l-Italja),

— So.Fi.M.A. Società Finanziaria Macchine Automatiche S.p.A. ("SOFIMA", l-Italja).

BDT u SOFIMA Holdings se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' SOFIMA kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BDT huwa bank merkantili Amerikan speċjalizzat f'investimenti f'investiment u negozji tal-familja u mmexxija mill-fundaturi,

— SOFIMA Holdings huma kumpaniji azzjonisti ta' ċerti individwi privati li, flimkien, għandhom sehem ta' kontroll fil-kumpanija b'ishma bi sħab Taljana, I.M.A. Industria Macchine Automatiche S.p.A. ("IMA"),

— SOFIMA, kumpanija b'ishma bi sħab Taljana, hija kumpanija azzjonista. Hija għandha, indirettament il-kapital azzjonist kollu tal-IMA, kumpanija b'ishma bi sħab attiva fl-iżvilupp u fil-manifattura ta' soluzzjonijiet ta' makkinarju għall-ippakkjar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

Case M.11258 – BDT / SOFIMA HOLDINGS / SOFIMA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË